MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Numru. 440/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO**

**KONTRA**

**PAUL SAID ta’ 26 sena, iben Victor u Mary nee’ Spiteri, imwieled Tal-Pieta’ nhar is-27 ta’ Gunju, 1982, residenti fil-fond Gardenia, Triq il-Pitkali, Attard, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 356682M;**
**U RODERICK SCERRI ta’ 26 sena, iben Alfred u Carmen nee’ Agius, imwieled nhar l-10 ta’ Frar, 1983, residenti fil-fond 8, Triq Tommaso Dinbgli, Attard, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 112483M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **PAUL SAID** u **RODERICK SCERRI**, li gew akkuzati t-tnejn li huma talli:

1. F’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommettew diversi reati u dan ai termini ta’ l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli nhar is-7 ta’ Gunju, 2001 bil-lejl, ghall-habta ta’ l-11.00pm gewwa Ta’ Qali, limiti tar-Rabat, ikkommettew serq ta’ diversi oggetti fosthom stereos u apparat tal-hi-fi iehor, flus kontanti, u mobile phones li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta’ Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00 minn gewwa diversi karozzi li kienu pparkjati, liema serq sehh ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom, u li huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u xorta tal-haga misruqa;

3. U aktar talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew akkwistati b’qerq, liema oggetti gew akkwistati b’reati sew jekk dawn saru f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlu hsara volontarja fl-imsemmija karozzi liema hsara hija ta’ aktar minn LM50.00 izda inaqas minn Lm500.00 u dan ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

Fil-waqt illi **RODERICK SCERRI wahdu** akkuzat talli flimkien ma’ persuna ohra nhar it-13 ta’ Mejju, 2001 gewwa Triq il-Ponsonby, Gzira, ikkommetta serq ta’ zewg speakers tal-ghamla Pioneer li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100.00 izda anqas minn Lm1,000.00 u dan ghad-dannu ta’ Simon Attard mill-Gzira, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa;

Fil-waqt illi **PAUL SAID wahdu** akkuzat talli jinsab recidiv b’sentenza tal-Qorti liema sentenza hija definitive u li ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Rat li l-akkuza giet emendate fis-sens illi giet mizjuda fil-konfront ta’ Paul Said, ghalkemm id-dicitura mhux felici

fis-sens illi kkommetta reat fiz-zmien illi kien fis-sehh l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta (vide folio 74);

Rat il-kusens ta’ l-Avukat Generali (tnejn in vista’ taz-zieda fl-akkuza) u li f’kull interrogatorju l-akkuzati wiegbu li ma kinux hatja u di piu’ li f’kull stadju ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-akkuzati ammettew l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom, liema ammissjoni qatt ma giet irtirata, anzi gie ddikjarat li qeghdin izommu l-istess ferma;

Rat ukoll is-Social Inquiry Reports li gew redatti fil-konfront ta’ l-akkuzati, li ghalkemm jispjegaw il-problemi li jaffliggu lit-tnejn kemm huma, ma jservux la bhala skuzant u lanqas bhala xi alternattiv ghal dik li ghandha tkun il-posizzjoni ta’ azzjoniethom – persuni afflitti bi problemi personali hawn u hawn hafna, ma jfissirx pero li dawn ghandhom xi dritt jew ahjar xi skuza biex ma jagixxux ta’ xi nies incivilizzati go socjeta’ civilizzata – in-nies li gew derubati u sofrew danni fil-vetturi taghhom fuq kollox hadmu ghal hwejjighom!!

Qiest ukoll il-Qorti li oltre ghall-istqarrija ta’ l-akkuzati, ix-xhieda tal-Pulizija li qabdu lil Scerri u rrintraccaw lil Said, u kif ukoll ix-xhieda ta’ Karl Borg, li ma hemm xejn li ma jmurx favur il-htija ta’ l-akkuzati, dan tenut kont ukoll tal-fatt illi huma rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat ghalhekk l-Artikoili 18, 261, 263, 264, 267, 270, 271, 278, 279 u ssibhom hatja ta’ l-istess.

Rat ukoll il-fedina penali taghhom kif regghet giet ezebita fl-ahhar seduta fuq ordni tal-Qorti, u ma tqiesx illi hemm ebda recidiva fil-konfront ta’ Paul Said, allura qieghda tilliberah minn kull akkuza nonostante l-ammissjoni tieghu;

Rat ukoll li skond il-fedina msemmija kemm Said u kif ukoll Scerri kkommettew ir-reati fi zmien moghti lilhom taht

il-Kapitolu 152 tal-Lijigijiet ta’ Malta, u ghalhekk il-Qorti hija prekluza milli tapplika l-provvediment ta’ sentenza sospiza.

Ikkonsidrat ukoll is-serjeta’ ta’ l-akkuzi, pero jidher illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri jidher li xi ftit azzettaw, dan anke jirrizulta mill-fedina aggornata taghhom li baqghet mhux imtiefsa minn dik prezentata fil-bidu ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlitt(3) snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------